Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2107(INI)

14.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-relazzjonijiet UE-Ġappun
(2023/2107(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Reinhard Bütikofer

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Danilo Oscar Lancini, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-relazzjonijiet UE-Ġappun
(2023/2107(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata fid-29 Summit bejn UE u l-Ġappun li sar Brussell fit-13 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-41 Laqgħa Interparlamentari UE-Ġappun, li saret Strażburgu fit-13 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika[2], fis-seħħ minn Frar 2019,

– wara li kkunsidra d-dokument intitolat "Towards a Green Alliance to protect our environment, stop climate change and achieve green growth" (Lejn Alleanza Ekoloġika biex jitħares l-ambjent tagħna, jitwaqqaf it-tibdil fil-klima u jinkiseb it-tkabbir ekoloġiku), adottat fis-Summit UE-Ġappun tas-27 ta' Mejju 2021,

– wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra d-dokument strateġiku intitolat "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha – Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea" ta' Ġunju 2016,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "L-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku" tas-16 ta' Settembru 2021 (JOIN(2021)0024) u l-istrateġiji għar-reġjun Indo-Paċifiku adottati minn diversi Stati Membri tal-UE;

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tal-1 ta' Diċembru 2021 intitolata "Il-Portal Globali" (Global Gateway) (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra "The Partnership on Sustainable Connectivity and Quality Infrastructure between the European Union and Japan" (Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Konnettività Sostenibbli u Infrastrutturi ta' Kwalità) iffirmata Brussell fis-27 ta' Settembru 2019 matul l-ewwel Forum Europa dwar il-Konnettività,

[1] ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4.
[2] ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3.

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2023 intitolata"Dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN(2023)0020),

– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni dwar is-semikondutturi u l-Memorandum ta' Kooperazzjoni biex jappoġġa konnettività sigura u reżiljenti tal-kejbil sottomarin bejn l-UE u l-Ġappun, iffirmati fit-3 ta' Lulju 2023 waqt l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija Diġitali bejn il-Ġappun u l-UE,

– wara li kkunsidra l-Arranġament Amministrattiv dwar il-Kooperazzjoni fil-Ktajjen tal-Provvista tal-Materja Prima Kritika bejn l-UE u l-Ġappun, iffirmat fis-6 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni UE-Ġappun dwar l-Idroġenu, iffirmat mill-Kummissjoni u mill-Ġappun fit-2 ta' Diċembru 2022,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha "Strateġija mtejba għas-Sigurtà Marittima kontra tħeddidiet marittimi li qegħdin jevolvu" tal-10 ta' Marzu 2023 (JOIN(2023)0008),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/362 tal-14 ta' Frar 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru[3],

– wara li kkunsidra l-Arranġament Amministrattiv bejn EUNAVFOR ATALANTA u l-Forzi tal-Ġappun għall-Iskjerament f'Wiċċ il-Baħar għall-Infurzar fil-Ġlieda kontra l-Piraterija, iffirmat fil-15 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-Arranġament Qafas ta' Riċerka għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-prospettiva bejn iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u l-Istitut Nazzjonali tal-Politika Xjentifika u Teknoloġika (NISTEP), iffirmat fit-13 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali adottati fit-tielet Djalogu Ekonomiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Ġappun li sar fis-27 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1453 tat-13 ta' Lulju 2023 li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1533 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-għalf u tal-ikel li joriġinaw jew li jintbagħtu mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima[4],

– wara li kkunsidra l-pjan il-ġdid tal-Ġappun għal Indo-Paċifiku liberu u miftuħ ("Il-Futur tal-Indo-Paċifiku") imħabbar f'Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-istrateġiji ta' sigurtà tal-Ġappun aġġornati f'Diċembru 2022 (Strateġija ta' Sigurtà Nazzjonali, Strateġija ta' Difiża Nazzjonali, Programm ta' Tisħiħ tad-Difiża),

[3] ĠU L 50, 17.2.2023, p. 1.
[4] ĠU L 179, 14.7.2023, p. 90.

– wara li kkunsidra l-Hiroshima for Global Peace Plan,

– wara li kkunsidra Prinċipji tal-G20 għall-Investimenti f'Infrastrutturi ta' Kwalità, li jinkludu l-prijoritajiet ta' ftuħ, trasparenza, effiċjenza ekonomika u sostenibbiltà tad-dejn,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Operattivi tal-G20 dwar il-Finanzjament Sostenibbli,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali dwar il-Kondotta Responsabbli tal-Impriżi,

– wara li kkunsidra s-Sħubija tal-G7 għall-Infrastrutturi u għall-Investimenti Globali;

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar era ġdida tas-sħubija trilaterali tat-18 ta' Awwissu 2023 maqbula mill-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea u mill-Istati Uniti waqt is-summit trilaterali tal-mexxejja li sar Camp David,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta' Novembru 2020 intitolat "NATO 2030: United for a New Era" (NATO 2030: magħqudin għal era ġdida) tal-Grupp ta' Riflessjoni maħtur mis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO),

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) konkluża fl-10 ta' Diċembru 1982 u li ilha fis-seħħ mis-16 ta' Novembru 1994,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna, adottata fit-2 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2014 li fih ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati dwar ftehim ta' sħubija strateġika UE-Ġappun[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni tad-data personali mogħtija mill-Ġappun[6],

[5] ĠU C 443, 22.12.2017, p. 49.
[6] ĠU C 388, 13.11.2020, p. 150.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2020 dwar il-ħtif internazzjonali u nazzjonali ta' tfal tal-Unjoni minn ġenitur fil-Ġappun[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-konnettività u r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-UE u l-isfidi tas-sigurtà fl-Indo-Paċifiku[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2022[11],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi fl-2024 l-UE u l-Ġappun se jiċċelebraw 50 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi;

B. billi l-Ġappun huwa s-sieħeb strateġiku prinċipali tal-UE fir-reġjun Indo-Paċifiku; billi ż-żewġ naħat jaqsmu flimkien firxa ferm wiesgħa ta' valuri u għanijiet;

C. billi għall-UE huwa importanti ferm li tikkoopera mal-Ġappun fid-dawl tal-piż ekonomiku, demografiku u politiku dejjem akbar tal-Indo-Paċifiku kif ukoll tal-pożizzjoni strateġika tal-pajjiż f'termini ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi;

D. billi l-UE u l-Ġappun jimmiraw lejn paċi u stabbiltà fl-Indo-Paċifiku kollu kemm hu, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-konformità mal-UNCLOS min-naħa tal-pajjiżi kollha; billi l-Ġappun huwa difensur importanti tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli fir-reġjun;

E. billi f'Diċembru 2022 il-Ġappun adotta strateġiji ta' sigurtà u difiża nazzjonali ġodda;

F. billi kemm l-UE kif ukoll il-Ġappun esprimew l-appoġġ tagħhom għall-Ukrajna u l-oppożizzjoni tagħhom għall-gwerra ta' aggressjoni brutali, mhux provokata u illegali tar-Russja;

G. billi kemm l-UE kif ukoll il-Ġappun impenjaw ruħhom favur in-newtralità klimatika sal-2050;

H. billi l-UE u l-Ġappun impenjaw ruħhom li jappoġġaw ir-rabtiet ta' konnettività siguri u sostenibbli;

---

[7] ĠU C 371, 15.9.2021, p. 2.
[8] ĠU C 425, 20.10.2021, p. 155.
[9] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 117.
[10] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 32.
[11] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 26.

I. billi l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet xjentifiċi, tas-soċjetà, kulturali u politiċi u l-iskambju reċiproku ta' esperjenza jistgħu jsaħħu s-sħubija u jiksbu riżultati għaċ-ċittadini taż-żewġ naħat;

J. billi s-Sħubija Diġitali bejn il-Ġappun u l-UE ġiet varata fis-Summit UE-Ġappun li sar Tokyo fit-12 ta' Mejju 2022;

K. billi t-tieni Forum Ministerjali UE-Reġjun Indo-Paċifiku sar Stokkolma fit-13 ta' Mejju 2023;

L. billi d-49 summit tal-G7 sar Hiroshima mid-19 sal-21 ta' Mejju 2023;

M. billi l-Ġappun jipparteċipa fid-Djalogu Kwadrilaterali ta' Sigurtà (Quad);

1. Jenfasizza li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Ġappun hija waħda bejn sħab tal-istess fehma, mibnija fuq bażi soda ta' valuri komuni, demokrazija, għanijiet komuni u interessi kompatibbli ma' xulxin, fatt li jagħmel lill-Ġappun wieħed mis-sħab tal-UE l-aktar importanti u fdati fid-dinja; jenfasizza bil-qawwa l-interess tal-UE li tapprofondixxi u twessa' din is-sħubija b'mod bilaterali kif ukoll f'kuntesti plurilaterali u multilaterali; huwa favur approċċ tat-tip "Tim Ewropa" fir-rigward tar-relazzjoni;

2. Jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-ftehim ta' sħubija ekonomika UE-Ġappun u tal-ftehim ta' sħubija strateġika UE-Ġappun f'din ir-relazzjoni; iħeġġeġ lit-tliet Stati Membri tal-UE li għadhom ma rratifikawx il-ftehim ta' sħubija strateġika UE-Ġappun biex jagħmlu dan; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa taż-żewġ ftehimiet; jilqa' pożittivament l-iżvilupp ta' network dejjem aktar sfiq ta' djalogi, konsultazzjonijiet, memoranda u ftehimiet bilaterali, bis-Summit UE-Ġappun annwali fiċ-ċentru; jilqa' favorevolment ukoll relazzjonijiet dejjem aktar stretti bejn il-Ġappun u l-Istati Membri individwali tal-UE;

3. Ifaħħar ix-xogħol tal-Presidenza Ġappuniża tal-G7 fl-2023 u l-kooperazzjoni kumplessivament eċċellenti fil-G7; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-UE teħtieġ ukoll li tikkoopera mill-qrib ħafna mal-Ġappun fil-G20, fin-Nazzjonijiet Uniti u fl-aġenziji speċjalizzati tagħhom, fil-UNFCCC, fl-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni, fl-istituzzjonijiet finanzjarji u fil-formati internazzjonali l-oħra favur il-paċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-prosperità, l-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

4. Josserva b'interess l-isforzi tal-Ġappun biex jippromwovi arkitettura stabbli fl-Indo-Paċifiku, pereżempju permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-Quad, tad-djalogu tiegħu mal-Istati insulari tal-Paċifiku jew tal-Ftehim ta' Camp David ta' dan l-aħħar maqbul mal-Korea u mal-Istati Uniti; ikompli jieħu nota tat-tħassib tal-Ġappun rigward il-Korea ta' Fuq; biħsiebu jikkoopera b'mod kostanti mal-Ġappun ħalli jopponi l-politiki aggressivi taċ-Ċina fil-konfront tal-ġirien tagħha; jaqsam mal-Ġappun il-pożizzjoni skont liema t-Tajwan huwa sieħeb importanti u ħabib prezzjuż; jaqsam ukoll mal-Ġappun ir-rispett kbir fil-konfront tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN); jilqa' pożittivament il-fatt li ċerti formati viċi ministerjali ġodda jinkludu wkoll lill-UE (fi gruppi bħal dawk bejn il-Ġappun, l-Awstralja, il-Korea u l-UE u bejn il-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti u l-UE);

5. Huwa grat għall-appoġġ sod u bla kundizzjonijiet li jammonta għal USD 7,6 biljun li l-Ġappun qiegħed jagħti lill-Ukrajna biex tiddefendi ruħha fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja; jaqbel mal-Ġappun li huwa ta' importanza kruċjali li jiġi promoss l-allinjament tal-atturi internazzjonali kollha li jappoġġaw il-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti tas-sovranità nazzjonali u tal-integrità territorjali kontra r-reviżjoniżmu imperjalista jew il-koerċizzjoni eġemonika; jesprimi l-impenn ċar tal-UE li tappoġġa l-isforzi biex jiġu difiżi l-paċi u l-istabbiltà fl-Indo-Paċifiku, b'mod partikolari fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, fil-Baħar taċ-Ċina tal-Lvant u fl-Istrett tat-Tajwan, u li tippromwovi Indo-Paċifiku liberu u miftuħ;

6. Irid jikkollabora mal-Ġappun fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet aktar ibbilanċjati mal-pajjiżi tan-Nofsinhar Globali; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-politika neċessarja relatata mat-tibdil fil-klima, tal-finanzjament ta' kummerċ sostenibbli u liberu u ta' tranżizzjoni enerġetika internazzjonali ġusta; jisħaq fuq l-importanza tal-inizjattiva Global Gateway u tas-Sħubija għall-Infrastrutturi u għall-Investimenti Globali; jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel ħames proġetti ta' konnettività UE-Ġappun u l-proġett "Far North Fiber";

7. Jieħu nota tal-bidla fl-istrateġija ta' sigurtà nazzjonali tal-Ġappun; ikompli jsostni l-impenn tal-Ġappunfavur dinja mingħajr armi nukleari; jitlob li tinħoloq sħubija ta' sigurtà komprensiva bejn l-UE u l-Ġappun bħala bażi għal konsultazzjonijiet imsaħħa, eżerċizzji komuni, riċerka u żvilupp komuni fil-qasam tad-difiża u kollaborazzjoni fl-ippjanar konġunt ta' kontinġenza għal kriżijiet perikoluż; jilqa' pożittivament il-formati ta' djalogu 2+2 tal-Istati Membri mal-Ġappun; jilqa' favorevolment il-Programm ta' Sħubija Personalizzata bejn in-NATO u l-Ġappun, iżda jiddispjaċih bil-fatt li l-ftuħ tal-uffiċċju ta' kollegament tan-NATO fil-Ġappun iddewwem; jipproponi li jinħoloq format ta' djalogu fil-qasam tas-sigurtà bejn l-UE, in-NATO u l-erba' pajjiżi sħab tal-Asja-Paċifiku (il-Ġappun, il-Korea, l-Awstralja u New Zealand); jinkoraġġixxi lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jistazzjona attaché militari f'Tokyo; ikun jilqa' pożittivament in-negozjati dwar Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni UE-Ġappun; jikkritika l-fatt li l-proġett ta' Kooperazzjoni Msaħħa fil-qasam tas-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja (ESIWA) mhuwiex sostanzjali ħafna; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa ta' għarfien marittimu abbażi tal-inizjattiva "Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċean Indjan" (CRIMARIO); jinsisti li jiġu inklużi l-kwistjonijiet ta' sigurtà mhux konvenzjonali pereżempju d-diżinformazzjoni, is-settur ċibernetiku, l-ispazju u t-tibdil fil-klima;

8. Jikkondividi l-enfasi tal-Ġappun fuq is-sigurtà ekonomika u jilqa' pożittivament l-appoġġ tiegħu għall-paradigma maħsub biex inaqqas ir-riskji; jieħu nota, f'dan il-kuntest, tal-Pjattaforma ta' Koordinament tal-G7 dwar il-Koerċizzjoni Ekonomika; jiġbed l-attenzjoni għar-rilevanza enormi tas-Sħubija Diġitali UE-Ġappun; japprezza l-Qafas tal-G7 għal Kollaborazzjoni fl-Istandardizzazzjoni tat-Teknoloġija Diġitali, il-kooperazzjoni mal-Japan Organization for Metals and Energy Security (Organizzazzjoni tal-Ġappun għall-Metalli u s-Sigurtà Enerġetika, JOGMEC) rigward il-materja prima, id-djalogu fil-qasam tal-politika industrijali u l-Hiroshima AI Process għal intelliġenza artifiċjali (IA) responsabbli; jiddispjaċih bir-riluttanza tal-Ġappun li jipparteċipa f'Orizzont Ewropa u jsostni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu dan l-għan;

9. Jiddispjaċih bil-fatt li l-Alleanza Ekoloġika UE-Ġappun tal-2021 għadha, fil-biċċa l-kbira, wegħda li ma nżammitx; josserva li l-Ġappun impenja ruħu li jiskarika l-ilma

mill-impjant tal-enerġija ta' Fukushima abbażi biss ta' standards xjentifiċi, trasparenza u superviżjoni indipendenti; jittama fi rwol aktar proattiv min-naħa tal-Ġappun rigward it-telf u l-ħsara, kif ukoll il-finanzjament għall-klima, fit-28 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 28);

10. Jisħaq fuq l-importanza tal-kuntatti interpersonali għall-qsim u għat-tqabbil tal-esperjenzi dwar kwistjonijiet bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tixjiħ tas-soċjetà, l-iżviluppi kulturali l-ġodda jew l-prattiki fid-dinja tax-xogħol; japprezza l-iskambji parlamentari u d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, li fihom nistgħu niddiskutu l-piena tal-mewt fil-Ġappun; jipproponi li jinħoloq forum ta' mexxejja żgħażagħ UE-Ġappun dwar is-sħubija globali; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ħtif ta' minuri mill-ġenituri; jilqa' b'sodisfazzjon il-Linji Gwida tal-Gvern Ġappuniż dwar ir-Rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Ktajjen tal-Provvista Responsabbli tal-2022 kif ukoll l-isforzi tiegħu biex jadotta fl-2024 leġiżlazzjoni ekwivalenti għad-direttiva tal-UE dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll lill-Gvern tal-Ġappun.